31998D0420

4.7.1998 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ L 190/59

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tat-30 ta' Ġunju 1998

## li tistabbilixxi l-kondizzjonijiet speċjali li jirregolaw l-importazzjoni tal-prodotti tas-sajd u ta' l-akwakultura li joriġinaw fin-Niġerja

*(notifikata taħt id-dokument numru C(1998) 1851)*

**(Test bir-relevanza ŻEE)**

(98/420/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/493/KEE tat-22 ta' Lulju 1991 li tistabbilixxi l-kondizzjonijiet tas-saħħa għal produzzjoni u tqegħid fis-suq għal prodotti tas-sajd [1], kif l-aħħar emendata bl-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-Awstrija, il-Finlandja u l-Isvezja, u partikolarment l-Artikolu 11 tagħha,

Billi l-espert tal-Kummissjoni wettaq żjara ta' l-ispezzjoni fin-Niġerja biex jivverifika l-kondizzjonijiet taħt liema l-prodotti tas-sajd huma prodotti, maħżuna u mibgħuta lejn il-Komunità;

Billi d-disposizzjonijiet tal-leġislazzjoni tan-Niġerja dwar l-ispezzjoni tas-saħħa u s-sorveljar tal-prodotti tas-sajd jistgħu jkunu kkunsidrati bħala ekwivalenti għal dawk stabbiliti fid-Direttiva 91/493/KEE;

Billi, fid-Dipartiment Federali tas-Sajd tan-Niġerja (DFS) tal-Ministeru Federali ta' l-Agrikoltura u r-Riżorsi Naturali huma kapaċi li jivverifikaw effettivament l-applikazzjoni tal-liġijiet fis-seħħ;

Billi l-proċedura għall-akkwist taċ-ċertifikat tas-saħħa referit fl-Artikolu 11(4)(a) tad-Direttiva 91/493/KEE għandu jkopri wkoll id-definizzjoni taċ-ċertifikat bħala kampjun, il-ħtiġiet minimi rigward il-lingwa(i) li fiha għandu jkun imfassal u l-grad tal-persuna bis-setgħa li tiffirmah;

Billi, permezz ta' l-Artikolu 11(4)(b) tad-Direttiva 91/493/KEE, marka għandha tkun imwaħħla mal-pakketti tal-prodotti tas-sajd li tagħti l-isem tal-pajjiż terz u n-numru ta' l-approvazzjoni-reġistrazzjoni ta' l-istabbiliment, vapur fabbrika, maħżen tas-silġ u vapur ta' l-iffriżar ta' l-oriġini;

Billi, permezz ta' l-Artikolu 11(4)(ċ) tad-Direttiva 91/493/KEE, lista ta' l-istabbilimenti approvati, vapur fabbrika jew imħażen tas-silġ għandha tkun imħejjija; billi lista tal-vapuri tal-friża rreġistrati fis-sens tad-Direttiva tal-Kunsill 92/48/KEE [2] għandha tkun imħejjija; billi din il-lista għandha tkun imħejjija fuq il-bażi tal-komunikazzjoni mid-DFS lejn il-Kummissjoni; billi huwa għalhekk għad-DFS biex tassigura l-konformità mad-disposizzjonijiet stabbiliti għal dak l-għan fl-Artikolu 11(4) tad-Direttiva 91/493/KEE;

Billi d-DFS ipprovdiet l-assikurazzjonijiet uffiċjali rigward il-konformità mar-regoli stabbiliti fil-Kapitolu V ta' l-Anness tad-Direttiva 91/493/KEE u dwar il-ħarsien tal-ħtiġiet ekwivalenti għal dawk stabbiliti b'dik id-Direttiva għall-approvazzjoni jew għar-reġistrazzjoni ta' l-istabbilimenti, vapuri fabbriki, imħażen tas-silġ jew vapuri tal-friża;

Billi l-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'din id-Deċiżjoni huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat Veterinarju Permanenti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-Dipartiment Federali tas-Sajd (DFS) tal-Ministeru Federali ta' l-Agrikoltura u r-Riżorsi Naturali għandu jkun l-awtorità kompetenti fin-Niġerja biex tivverifika u tiċċertifika l-konformità tal-prodotti tas-sajd u l-akwakultura mal-ħtiġiet tad-Direttiva 91/493/KEE.

*Artikolu 2*

Il-prodotti tas-sajd u ta' l-akwakultura li joriġinaw fin-Niġerja għandhom jilħqu l-kundizzjonijiet li ġejjin:

1. kull konsenja għandha tkun akkumpanjata b'ċertifikat oriġinali tas-saħħa nnumerat, mimli kif meħtieġ, iffirmat, bid-data u jkollu folja waħda bi qbil mal-mudell fl-Anness A ta' hawnhekk;
2. il-prodotti għandhom jiġu minn stabbilimenti approvati, vapuri fabbrika, imħażen tas-silġ jew vapuri tal-friża rreġistrati, kif elenkati fl-Anness B ta' hawnhekk;
3. ħlief fil-każ tal-prodotti tas-sajd iffriżati fil-massa u intiżi għal manifattura ta' l-ikel ippriservat, il-pakketti kollha għandhom ikollhom fuqhom il-kelma 'NIĠERJA' u n-numru ta' l-approvazzjoni-reġistrazzjoni ta' l-istabbiliment, vapur fabbrika, imħażen tas-silġ jew vapur tal-friża ta' l-oriġini, f'ittri li ma jitħassrux.

[1] ĠU L 268, 24.9.1991, p. 24.
[2] ĠU L 187, 7.7.1992, p. 41.

*Artikolu 3*

1. Iċ-ċertifikati referiti fl-Artikolu 2(1) għandhom ikunu mħejjija mill-inqas f'lingwa waħda uffiċjali ta' l-Istat Membru ta' fejn jitwettqu l-verifiki.

2. Iċ-ċertifikati għandhom ikollhom fuqhom l-isem, il-pożizzjoni u l-firma tar-rappreżentant tad-DFS u t-timbru uffiċjali ta' dik ta' l-aħħar f'kulur differenti minn dak tal-kitba l-oħra.

*Artikolu 4*

Dan id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, it-30 ta' Ġunju 1998.

*Għall-Kummissjoni*

Franz FISCHLER

*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS A*

## ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA

**għal prodotti tas-sajd u ta' l-akwakultura li joriġinaw fin-Niġerja u intiżi għall-esportazzjoni lejn il-Komunità Ewropea, apparti milli l-molluski bivalvi, l-ekinodermi, t-tunikati u l-gastropdi marini tkun xi tkun il-forma tagħhom**

Numru tar-Referenza: ....................................

Pajjiż/Territorju tad-dispaċċ: NIĠERJA

Awtorità kompetenti: Dipartiment Federali tas-Sajd (DFS) tal-Ministeru Federali ta' l-Agrikoltura u tar-Riżorsi Naturali

I. **Dettalji li jidentifikaw il-prodotti tas-sajd**

— Deskrizzjoni tas-sajd — Prodotti ta' l-Akwakultura ([1]):

— Speċje (isem xjentifiku): ..........................................................................

— Preżentazzjoni tal-prodott u t-tip tat-trattament ([2]): ..........................................................................

— Numru tal-kodiċi (meta disponibbli): ..........................................................................

— Tip ta' l-ippakkjar: ..........................................................................

— Numru tal-pakketti: ..........................................................................

— Piż nett: ..........................................................................

— It-temperattura meħtieġa tal-magazzinar u tat-trasport: ..........................................................................

II. **Oriġini tal-prodotti**

Isem (ismijiet) u n-numru(i) ta' l-approvazzjoni uffiċjali ta' l-istabbiliment(i), vapur(i) fabbrika, jew imħażen tas-silġ approvati jew vapur(i) tal-friża, rreġistrati mill-DFS għall-esportazzjoni lejn il-KE: ..........................................................................

..........................................................................

..........................................................................

..........................................................................

III. **Destinazzjoni tal-prodotti**

Il-prodott huwa mibgħut

minn: ..........................................................................

(post tad-dispaċċ)

lejn: ..........................................................................

(il-pajjiż u l-post tad-destinazzjoni)

bil-mezz tat-trasport li ġej: ..........................................................................

L-isem u l-indirizz tal-konsenjatur: ..........................................................................

..........................................................................

..........................................................................

L-isem tar-riċevitur u l-indirizz fil-post tad-destinazzjoni: ..........................................................................

..........................................................................

..........................................................................

([1]) Ħassar fejn xieraq.
([2]) Ħajjin, imkessħa, iffriżati, immellħa, iffumigati, ippriservati, eċċ.

IV. **Attestazzjoni tas-saħħa**

— L-ispettur uffiċjali hawnhekk jiċċertifika li l-prodotti tas-sajd u ta' l-akwakultura speċifikati hawn fuq:

1. kienu maqbuda u ttrattati fuq il-vapur bi qbil mar-regoli tas-saħħa stabbiliti fid-Direttiva 92/48/KEE;
2. kienu maħtura, ittrattati u meta xieraq ippakkjati, ippreparati, ipproċċessati, iffriżati, imdewba u maħżuna iġenetikament b'konformità mal-ħtiġiet stabbiliti fil-Kapitoli II, III u IV ta' l-Anness tad-Direttiva 91/493/KEE;
3. għaddew minn kontrolli tas-saħħa bi qbil mal-Kapitolu V ta' l-Anness tad-Direttiva 91/493/KEE;
4. huma ppakkjati, immarkati, maħżuna u ttrasportati bi qbil mal-Kapitoli VI, VII u VIII ta' l-Anness tad-Direttiva 91/493/KEE;
5. ma humiex ġejjin minn speċji tossiċi jew speċji li fihom il-bio-tossini;
6. għaddew minn verifikar sodisfaċenti, organoleptiku, parasitoloġiku, kemikali u mikrobijoloġiku preskritti għal ċerti kategoriji tal-prodotti tas-sajd bid-Direttiva 91/493/KEE u fl-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet tagħha.

— L-ispettur uffiċjali hawn taħt iffirmat jiddikjara li huwa jaf bid-disposizzjonijiet tad-Direttiva 91/493/KEE, tad-Direttiva 92/48/KEE u tad-Direttiva 98/420/KE.

Magħmul fi ........................................................................................, fil- ...........................................................................................................
(Post) (Data)

Timbru uffiċjali) [1]

..................................................................................................................
Firma ta' l-ispettur uffiċjali [1]

..................................................................................................................
(L-isem f'ittri kbar, il-pożizzjoni u l-kwalifiki tal-persuna li tiffirma)

---

[1] Il-kulur tat-timbru u l-firma għandhom ikun differenti minn dak tal-partikolaritajiet l-oħra fiċ-ċertifikat.

*ANNESS B*

## I. **LISTA TA'L-ISTABBILIMENTI**

| Szám | Név | Cím |
|---|---|---|
| FDF/E/01 | OCEAN FISHERIES LTD | IKORODU |
| FDF/E/02 | UNIVERSAL ASSOCIATES COMPANY LTD | LAGOS |
| FDF/E/03 | ORC FISHING AND FOOD PROCESSING LTD | LAGOS |
| FDF/E/04 | OLOKUN (PISCES) LTD | LAGOS |

## II. **LISTA TA'L-IMĦAÆEN TAS-SILĠ**

| Szám | Név | Cím |
|---|---|---|
| FDF/E/01 | OCEAN FISHERIES LTD | IKORODU |
| FDF/E/02 | SAVANNAH SHIPPING COMPANY NIG. LTD | LAGOS |
| FDF/E/03 | ORC FISHING AND FOOD PROCESSING LTD | LAGOS |
| FDF/E/04 | BANARLY NIG. LTD | LAGOS |
| FDF/E/06 | TARABAROZ FISHERIES LTD | LAGOS |
| FDF/E/07 | BENGUELA FISHING INDUSTRIES LTD | LAGOS |
| FDF/E/08 | UNITED FISHERIES LTD | LAGOS |
| FDF/E/09 | OBELAWO FARCHA INDUSTRIES LTD | LAGOS |

## III. **LISTA TAL-BASTIMENTI**

| Szám | Név (tulajdonos) | Kikötő |
|---|---|---|
| FDF/V/02-01<br>FDF/V/02-02<br>FDF/V/02-03<br>FDF/V/02-04<br>FDF/V/02-05<br>FDF/V/02-06<br>FDF/V/02-07 | ORC 1<br>Freedom<br>Silver Streak<br>Petunia<br>Robin<br>Magnolia<br>Dahlia<br>(ORC Fishing and Food Processing Ltd) | Olodi, Apapa |
| FDF/V/03-01<br>FDF/V/03-02<br>FDF/V/03-03 | Susiah<br>Ti Oluwani<br>Oluwi<br>(Honeywell Fisheries Ltd) | Apapa, Lagos |
| FDF/V/04-01<br>FDF/V/04-02<br>FDF/V/04-03 | Banarly I<br>Banarly II<br>Banarly III<br>(Banarly Nigeria Ltd) | Apapa, Lagos |
| FDF/V/05-01<br>FDF/V/05-02<br>FDF/V/05-03 | HRV I<br>HRV II<br>HRV III<br>(HR Ventures Ltd) | Ibafon, Apapa |
| FDF/V/06-01<br>FDF/V/06-02<br>FDF/V/06-03<br>FDF/V/06-04 | Vaneesha<br>Sonia<br>Shiv<br>Sea Princess<br>(Ocean Fisheries Nig. Ltd) | Apapa, Lagos |

| Szám | Név (tulajdonos) | Kikötő |
|---|---|---|
| FDF/V/07-01 | Lecon I | Island, Apapa, Lagos |
| FDF/V/07-02 | Gloria | |
| FDF/V/07-03 | Theo | |
| FDF/V/07-04 | Taraba I | |
| FDF/V/07-05 | Hanatu | |
| | (Tarabaroz Fisheries Ltd) | |
| FDF/V/08-01 | Kulak I | Apapa, Lagos |
| FDF/V/08-02 | Kulak II | |
| FDF/V/08-03 | Kulak III | |
| FDF/V/08-04 | Kulak IV | |
| FDF/V/08-05 | Kulak V | |
| FDF/V/08-06 | Kulak VI | |
| | (Kulak Trades and Ind. plc) | |
| FDF/V/09-01 | Magami I | Tincan Wharf, Lagos |
| FDF/V/09-02 | Magami II | |
| | (Magami Trawlers Ltd) | |
| FDF/V/10-01 | Oke-Oghene I | Apapa, Lagos |
| FDF/V/10-02 | Oke-Oghene II | |
| | (Emosin General Ent. Ltd) | |
| FDF/V/11-01 | Mountaha | Apapa, Lagos |
| FDF/V/11-02 | Mustapha | |
| | (Dalia Farms Nig. Ltd) | |
| FDF/V/12A-01 | Madam Tinubu | Apapa, Lagos |
| FDF/V/12A-02 | Bisola | |
| FDF/V/12A-03 | M/Emotan | |
| FDF/V/12A-04 | Awele | |
| FDF/V/12A-05 | Dada | |
| FDF/V/12A-06 | Fatu | |
| FDF/V/12A-07 | Lady Anne | |
| FDF/V/12A-08 | Binta | |
| FDF/V/12A-09 | Omolara | |
| FDF/V/12A-10 | M/Asiya | |
| | (Intercontinental Fishing Nig. Ltd) | |
| FDF/V/12B-11 | Tulip | Apapa, Lagos |
| FDF/V/12B-12 | Chenny | |
| FDF/V/12B-13 | Pearl | |
| | (Savannah Shipping Company Nig. Ltd) | |
| FDF/V/12C-14 | Lily I | Apapa, Lagos |
| FDF/V/12C-15 | Lily II | |
| | (Intra Fisheries Nig. Ltd) | |
| FDF/V/12D-16 | Lily III | Apapa, Lagos |
| FDF/V/12D-17 | Lily IV | |
| FDF/V/12D-18 | Universal IV | |
| FDF/V/12D-19 | Universal V | |
| FDF/V/12D-20 | Queen Amina | |
| FDF/V/12D-21 | Silvermaid I | |
| FDF/V/12D-22 | Silvermaid II | |
| FDF/V/12D-23 | Lotus I | |
| FDF/V/12D-24 | Lotus II | |
| FDF/V/12D-25 | (Atlantic Shrimpers Ltd) | |

| Szám | Név (tulajdonos) | Kikötő |
|---|---|---|
| FDF/V/12E-26 | Universal I<br>(Universal Fishing Company Nig. Ltd) | Apapa, Lagos |
| FDF/V/12F-27<br>FDF/V/12F-28 | Lotus III<br>Lotus IV<br>(Paramount Frozen Food Ltd) | Apapa, Lagos |
| FDF/V/12G-29<br>FDF/V/12G-30<br>FDF/V/12G-31<br>FDF/V/12G-32<br>FDF/V/12G-33<br>FDF/V/12G-34<br>FDF/V/12G-35<br>FDF/V/12G-36 | Cosmos I<br>Cosmos II<br>Cosmos III<br>Cosmos IV<br>Cosmos V<br>Cosmos VI<br>Cosmos VII<br>Cosmos VIII<br>(Cosmos Fishing Company Ltd) | Apapa, Lagos |
| FDF/V/12G-37<br>FDF/V/12G-38 | Silvermaid III<br>Silvermaid IV<br>(Nigeria Fishing Company Nig. Ltd) | Apapa, Lagos |
| FDF/V/12H-39 | Sea Queen<br>(Primlaks Frozen Food Products Ltd) | Apapa, Lagos |
| FDF/V/12J-40<br>FDF/V/12J-41<br>FDF/V/12J-42<br>FDF/V/12J-43 | Rose I<br>Rose II<br>Rose III<br>Rose IV<br>(Universal Associate Company Ltd) | Apapa, Lagos |
| FDF/V/13-01<br>FDF/V/13-02 | Benguela I<br>Benguela II<br>(Benguela Fishing Company Ltd) | Apapa, Lagos |
| FDF/V/14-01<br>FDF/V/14-02<br>FDF/V/14-03<br>FDF/V/14-04<br>FDF/V/14-05<br>FDF/V/14-06 | Unicorn I<br>Unicorn II<br>Unicorn III<br>Unicorn IV<br>Unicorn V<br>Kingfisher VII<br>(Offshore Trawlers Ltd) | Port Harcourt |